# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Illum it-Tlieta 18 ta' Dicembru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kurt Zahra)**

**vs.**

**Samuel Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Samuel Borg ta' 20 sena iben Ronald u Rita nee' Ellul, imwieled Pieta' fl-10 ta' Settembru 1986, residenti fil-fond Blokk Indipendenza, Entrance E, Flat 8, Taz-Zwejt, San Gwann, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 434286(M).

Akkuzat talli:

Nhar is-17 ta' Ottubru 2004, ghal habta tat-3.00 ta' wara nofs inhar, fi Triq Birkirkara, San Gwann, ikkommetta serq ta' oggetti fosthom flus kontanti, li l-valur globali taghhom jeccedi s-somma ta' mitt Lira Maltin izda inqas minn elf Lira Maltin, minn go l-istabbiliment 'Vegimania', liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur u li sehh ghad-dannu ta' Marco Abela;

U kif ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu skond il-provedimenti tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi ttrattata u deciza bil-procedura sommarja, u rat id-dikjarazzjoni tal-imputat li din il-kawza tigi hekk ttrattata u deciza.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali huma s-segwenti:

1. Fis-17 ta' Ottubru 2004 ghal-habta tal-3.15pm, il-Pulizija gew informati minn Marco Abela bhala proprjetarju tal-hanut tal-merca bl-isem Vegimania, li jinsab fi Triq Birkirkara, San Gwann, li l-alarm ta' dan il-hanut giet attivata.

2. Meta l-Pulizija marru fuq il-post sabu hgiega li hemm fuq in-naha tax-xellug tal-hanut imkissra, u mnn gol-hanut ittiehed il-cash ragister li kien fih xi flus. Min kisser il-hgiega tal-apertura tal-hanut, ghadda mill-ispazju hekk kreat fl-istess apertura u dahal fil-parti interna tal-hanut.

3. Fuq in-naha tat-triq tal-apertura li giet imkissra, kien hemm installati quddiem l-istess apertura numru ta' outdoor units tal-air conditioners. Fuq in-naha ta' gewwa tal-fond in kwistjoni fejn tkissret din l-apertura, kien hemm ghadd ta' pakketti tal-fliexken tal-plastic tal-ilma stivati fuq xulxin, li kwazi kienu jghattu l-istess apertura. Irrizulta li numru ta' pakketti tal-flixken tal-ilma kienu gew imnehhija mill-post fejn kienu stivati, u jidher li dan sar sabiex il-halliel ikun jista' jikseb l-istess access.

4. Mill-investigazzjoni li saret, irrizulta li il-halliel kien telaq jigri fit-triq u fil-process xerred xi muniti tal-flus tul Triq Birkirkara, sakemm wasal fil-kantuniera ta' Triq il-

Gallina, fejn rema il-cash register b'xi muniti fih f'ghalqa, li tinsab ezatt fil-kantuniera bejn Triq Birkirkara u Triq il-Gallina.

5. Marco Abela, sid il-fond in kwistjoni, qal li fil-cash register kien halla l-ammont ta' Lm200 sabiex juzahom bhala cashfloat. L-ammont ta' LM11.70 ingabru minn Triq Birkirkara u gew mghoddija lill-kwerelant Marco Abela.

6. Saret inkjesta magisterjali, izda mill-provi migbura sal-istadju li fih inghalqet l-inkjesta, ma giet indizzjata l-ebda persuna/i li setghu ikkommettew dan ir-reat.

7. Fl-2006, il-Pulizija irciviet informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat kien involut f'din is-serqa. Ghalhekk, l-Avukat Generali rrinvija l-atti lill-Magistrat Inkwerenti sabiex jigi nominat espert tal-impronti digitali sabiex jiehu l-impronti tal-imputat, u jinhatar espert li ma jifformax parti mill-korp tal-Pulziija sabiex jaghmel ezamijiet komparattivi bejn l-istess u l-impronti li setghu instabu fuq ix-xena tad-delitt.

8. Il-Magistrat Inwerenti innomina ghal dan l-iskop lill-espert Joseph Mallia.

9. L-espert Joseph Mallia ikkonkluda r-relazzjoni tieghu *inter alia* bil-mod segwenti:
*" b. Illi l-impronti li jidhru fuq "il-lifter" dokument 04 CSM 302 gew ikkomparati u identifikati mal-marki tas-saba' l-werrej, is-saba' tan-nofs u s-suba' tac-curkett tal-id il-leminija"* tal-imputat.

10. Dokument 04 CSM 302 huma *"impronti elevati min fuq bicca hgiega mkissra li nstabet fl-art taht it-tieqa li nstabet bil-hgieg imkisser"* elevati mis-Scene of Crime Officer PC1515 Patrick Farrugia.

11. In vista ta' dawn ir-rizultanzi tal-espert Joseph Mallia, il-Magistrat Inkwerenti ordna li ghandhom jittiehdu passi fil-konfront tal-imputat in konnessjoni ma' dan is-serq, u konsegwentement gew istitwiti dawn il-proceduri kriminali kontrih.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti dwar Htija**

*Kwistjoni Preliminari – L-ammissibilita tal-Istqarrijiet tal-Imputat*

Ghalkemm id-difiza ma ssollevat xejn fir-rigward, din il-Qorti thossha obbligata li tissolleva *ex officio* il-kwistjoni tal-ammissibilita tal-istqarrijiet tal-imputat, u dan in vista tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Konsegwentement, il-Qorti se tiskarta l-istqarrijiet tal-imputat u dak kollu li qal lill-Ispettur Investigatur waqt l-interrogatorju, jew f'xi hin iehor, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza ta' **Mario Borg vs Malta**. Naturalment, il-Qorti se tiehu konjizzjoni ta' dak kollu li l-imputat qal meta ghazel li jixhed quddiem din il-Qorti.

*L-Ewwel Imputazzjoni - Serq aggravat bil-mezz u bil-valur*

L-unika prova tal-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri ghall-fini tal-imputazzjoni tar-reat ta' serq aggravat, huma l-impronti digitali tal-imputat li nstabu fuq bicca hgiega mkissra tal-apertura, li giet imkissra biex il-halliel dahal u hareg mill-hanut in kwistjoni.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] irriteniet hekk:

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence" – li kif qal Lord Salmon fil-kaz* ***DPP v. Kilbourne*** *(1973) AC 729, p. 758 "works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku – il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta, tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-*

[1] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*reat. Hekk, per ezempju, impronta misjuba f'bank fil-parti fejn il-pubbliku ghandu access u meta jirrizulta li l-imputat kien jiffrekwenta dak il-bank, ftit li xejn tista' sservi ta' prova kontra dak l-imputat jekk huwa jigi akkuzat b'serq minn dak il-bank. L-istess ma jistax jinghad, pero, jekk l-impronta tinstab fuq il-bieb tal-istrongroom tal-bank fejn l-impjegati tal-bank biss jistghu jidhlu u meta l-imputat ma hux tali impjegat u ma jirrizultax li qatt kellu ghalfejn jersaq lejn dak il-bieb."*

Din is-sentenza ta' **Noel Frendo** titratta impronti digitali misjuba fuq oggetti mobbli zghar misruqa minn hanut. Kien hemm zewg impronti fuq kaxxi tal-Parker u impronta fuq pakkett tat-tabakk tal-pipa. Il-Qorti tal-Appell Kriminali osservat hekk: *"Dawn instabu fuq oggetti li kienu jew spustjati minn posthom u mqeghda f'kaxxa tal-kartun quddiem il-counter tal-hanut, presumibilment lesti biex jittiehdu 'l barra mill-hanut minn min poggihom f'dik il-kaxxa ... ... Dawn kjarament gew spustati mill-halliel jew hallelin, u kienu jikkonsistu f'oggetti, li skond l-istqarrija tal-appellant lill-pulizija, huwa ma kellu ebda interess fihom. Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustjathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma l-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni."*

Fl-istess sens, hu l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[2] fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Buttigieg**, deciza fis-17 ta' Settembru 2008. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkwotat b'approvazzjoni s-segwenti awturi Inglizi:
*"**Blackstones** - "CRIMINAL PRACTICE" (2001 edit.) pagna 2311 – 2312) jghid testwalment hekk:*
*"Properly presented fingerprint evidence has long been accepted as providing sufficient identification, but, in a case which depends wholly on such evidence, it is clearly essential that the defendant is linked to the relative prints by admissible evidence (Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82)."*

---

[2] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*Illi l-**ARCHBOLD** "Criminal Pleading, Evidence and Practice" (2001 edit.) (pagna 1348) jghid:*
*"A person may be identified by fingerprints alone." :* ***R. v. Castleton****, 3 Cr. App. R 74 CCA".*

Fis-sentenza ta' **Buttigieg**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet tghid illi *"Prova indizzjarja wahda, jekk tkun univoka w ma taghti lok ghall-ebda spjegazzjoni ohra ghajr dik tal-htija tal-akkuzat, tista' tkun bizzejjed biex fuqha biss tinstab dik il-htija. ... ...*

*Fil-process kriminali, fil-waqt li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, d-difiza bizzejjed li, b'xi prova li taghmel, tilhaq il-grad tal-probabbli jew dik ta' x'aktarx iva milli le ikun gara kif qed jintqal f'dik il-prova. L-istess, id-difiza, anki fl-assenza ta' provi minn naha taghha, tista' taghmel sottomissjonijiet u tipprospetta tezijiet difensjonali li jistghu iwasslu biex jiskagonaw lill-akkuzat. Anki hawn, bizzejjed li dawk is-sottomissjonijiet jilhqu l-grad tal-probabbli.*

*Il-grad tal-possibbli la hu utili ghall-prosekuzzjoni u lanqas ghad-difiza."*

L-imputat xehed – u dan hu wkoll konfermat mix-xhieda ta' sid il-hanut Marco Abela – li hu kien imur jixtri mill-hanut regolari, ghaliex missieru u zijietu kienu jiggestixxu garaxx ta' mekkanik faccata tal-hanut u l-familjari tieghu kienu joqghodu faccata tal-hanut ukoll. Hu xehed li hu kien imur jghinhom fil-garaxx u kien imur jixtri mill-hanut in kwistjoni xi sitt jew seba' darbiet kuljum, ghaliex diversi membri tal-familja kienu jibghatuh jixtrilhom l-affarijiet matul il-gurnata. Xehed ukoll li hu kien jixtri diversi affarijiet li jkun hemm bzonn, fosthom l-ilma.

Ghalkemm il-Qorti issibha difficli li temmen li l-imputat kien imur sitta jew seba' darbiet kuljum jixtri mill-hanut in kwistjoni, certament l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li hu kien imur jixtri b'mod regolari hafna mill-hanut. Del resto, kif diga intqal, sid il-hanut stess, Marco Abela, ammetta li l-imputat gieli kien jidhol jixtri, u kien jixtri affarijiet varji.

Pero, l-imputat ma ipprova jaghti l-ebda spjegazzjoni plawsibbli ghaliex l-impronti digitali tieghu instabu fuq bicca hgiega tal-apertura li giet imkissra biex seta' jigi kommess is-serq, u din il-bicca hgiega kienet parti mill-hgieg li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa tal-hanut in

kwistjoni. Kieku l-impronti tieghu instabu fuq l-ixkaffar jew fuq oggetti ghal bejgh fil-hanut, dawn kienu jkunu spjegabbli. Pero kif jirrizulta ampjament mir-ritratti mehuda mis-Scene of Crime Officer, quddiem l-apertura li tkissret, kien hemm stivati numru kbir ta' flixken tal-ilma li kwazi kienu jghattu l-apertura kollha, ghajr bicca zghira minnha, u din l-apertura kienet tibda ftit iktar l-isfel mis-suffett. Bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni, ma jista' wiehed jifhem kif qatt seta' l-imputat meta mar jixtri xi pakkett ilma, imiss b'idejh din il-parti tal-hgieg tal-apertura, ghaliex biex jiehu pakkett ilma, certament ma kienx necessarju li jaghmel il-pala ta idejh mal-hgiega tal-apertura. Dan apparti l-fatt, li fizikament, kif kienu stivati l-fliexken, huwa prattikament impossibli li fizikament wiehed imiss il-ftit hgieg li ma kienx mghotti mill-apertura, anke jekk wiehed, ghal xi raguni li setghet tghaddili mit-trafanal ta' mohhu, ried jaghmel dan.

Lanqas jista' jigi argumentat li kien hemm xi raguni valida ghaliex l-imputat kellu ghalfejn imiss il-hgieg ta' din l-apertura minn barra. Fl-ewwel lok, fix-xhieda tieghu l-imputat lanqas biss allega li ghamel dan. Fit-tieni lok, kif diga inghad, minn barra din l-apertura kienet mohbija bl-installazzjoni tal-muturi tal-air conditioners, li kienu cirka hames piedi gholja. Ghalhekk huwa ferm difficli li wiehed fizikament jilhaq u jmiss il-hgieg tal-apertura minn barra, apparti l-fatt li ma kien hemm l-ebda raguni logika ghalfejn l-imputat kellu jaghmel dan.

Fid-dawl tas-suespost, ma hemm l-ebda raguni plawsibbli u probabbli taht il-kappa tax-xemx ghala l-marki tas-swaba tieghu kellhom jinstabu fuq din il-hgiega tal-apertura li giet imkissra, biex jigi misruq il-cash register mill-hanut.

Konsegwentement, il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-imputat ma hallix il-marka tas-swaba tieghu fuq din il-hgiega b'mod innocenti jew b'kumbinazzjoni.

Ghalhekk, il-Qorti issib lill-imputat hati tas-serq aggravat bil-mezz u bil-valur.

*<u>It-Tieni Imputazzjoni – Ksur tal-Kapitolu 446</u>*

Il-Prosekuzzjoni ezebit sentenza tat-8 ta' Gunju 2004 minn din il-Qorti (diversament preseduta), fejn l-imputat, fuq ammissjoni tieghu stess, instab hati ta' serq aggravat bil-mezz, bil-lok u bil-valur, u gie mqieghed taht ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin minn dak in-nhar.

Ir-reat ta' serq odjern gie kommess fis-17 ta' Ottubru 2004 – cioe erba' (4) xhur biss wara din il-kundanna, u ghalhekk huwa ovvju li l-imputat kiser l-Ordni ta' Probation li kienet giet imposta fuqu bis-sentenza fuq imsemmija.

Pero, din il-Qorti ghandha diffikulta li ttitratta mal-imputat ghar-reat li tieghu instab hati b'dik is-sentenza. Dan ghaliex, mill-fedina penali jirrizulta li l-imputat diga instab hati ta' ksur ta' din l-ordni ta' Probation b'sentenzi ohra, u cioe b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-22 ta' Marzu 2005,u b'sentenzi ta' din il-Qorti (diversament preseduta) tal-11 ta' Novembru 2004, tad-9 ta' Dicembru 2005 u tas-17 ta' April 2007.

Ghalkemm dawn is-sentenzi ma gew ezebiti minn ebda parti f'dawn il-proceduri, huwa ragonevoli li din il-Qorti tikkunsidra li l-imputat diga inghata piena ghar-reat li tieghu instab hati bis-sentenza tat-8 ta' Gunju 2004, u skond l-Artikolu 4(1) tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Kapitolu 319), hadd ma jista' jigi kkastigat darbtejn ghal reat kriminali li tieghu ikun instab hati.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser tastjeni milli tittratta mal-imputat ghal ksur tal-ordni ta' Probation.

## Kunsiderazzjonijiet dwar Piena

Il-fedina penali aggiornata tal-imputat hija wahda raffrettarja. Minn din il-fedina penali jirrizulta li l-imputat ghandu tnejn u ghoxrin (22) kundanna minn dawn il-Qrati, fosthom ghaxar (10) kundanni ta' serq aggravat u wahda ta' serq semplici, hames kundanni ta' pussess semplici ta' diversi tipi ta' droga, u kundanna ghal traffikar tad-droga, erba' (4) kundanni ta' ksur tal-ligijiet tas-sewqan u kundanna ghal zamma ta' arma tan-nar bi ksur tal-ligi. Huwa inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati fosthom sitt (6) Ordnijiet ta' Probation,

liberta kondizzjonata, u erba' sentenzi sospizi. Pero l-imputat ma gharafx juzufruwixxi ruhu minn dawn l-opportunitajiet, u dejjem ghazel li jibqa' fit-triq tal-kriminalita, minkejja li kellu wkoll diversi pieni ta' prigunerija effettiva.

Mill-fedina penali kif ukoll mill-atti processwali jirrizulta li l-imputat ghandu l-vizzju tad-droga, pero ghalkemm jidher li ghamel xi tentattiv biex jaghmel programm ta' riabilitazzjoni, qatt ma ippersista, u jidher li sal-lum il-gurnata l-imputat m'ghandu l-ebda volonta biex ibiddel hajtu.

Dan huwa rifless ukoll fil-mod ta' kif l-imputat agixxa tul dawn il-proceduri, fejn minkejja li gie appuntat avukat tal-ghajnuna legali sabiex jassistieh, dan l-avukat diversi drabi ivverbalizza li l-imputat kien naqas li jmur ikellmu. L-imputat m'attendiex diversi drabi s-seduti tal-Qorti minghajr ebda raguni valida, u konsegwenza ta' dan, din il-kawza damet disa' snin differita ghal provi tad-difiza, fejn kien utilizza seduta wahda biss fejn ta x-xhieda tieghu.

Il-persistenza tal-imputat li jibqa' miexi fit-triq tal-kriminalita, kif ukoll id-disrispett li ghandu lejn l-awtoritajiet tal-pajjiz tippreokkupa hafna lil din il-Qorti, ghax apparti li l-imputat qed jahli hajtu, huwa jikkostitwixxi minacca lis-socjeta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Wara li rat l-Artikoli 261(b) u (c), 263(a), 267, 278(2), 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan ir-reat, u b'dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih hu kien qed jiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-imputat.

3. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur minn meta jigi komunikat lilu l-ammont hekk dovut mir-Registratur tal-Qrati Kriminali, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**